MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 370/2005

**Paul Agius [ID 717959M) u martu**
**Carmen Agius [ID 733961M]**

**Vs**

**Carmel Mangion**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ erba’ mija w erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm474.62c) rapprezentanti danni subiti minnhom bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara Hal Qormi fis-17 ta’ Gunju, 2004 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura GAJ 078 u habat mal-vettura FBN 329 proprjeta’ ta’ l-atturi u misjuqa mill-attrici Carmen Agius ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, mperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Carmen Agius.

Sema' x-xhieda ta' Warden 31 Stephen Cassar, Paul Agius, Carmen Agius u Carmel Mangion.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-atturi u ta' Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg sewwieqa kienu qieghdin isuqu f'Anici Street, Hal Qormi gejjin f'direzzjoni opposta ghal xulxin.

Dakinhar ta' l-incident kienet ghamlet ix-xita u t-triq kienet imxarrba. Meta z-zewg sewwieqa kellmu lill-Warden it-tnejn li huma qablu li magenb il-karozza misjuqa minn Agius, man-naha tax-xellug taghha, kien hemm karozza pparkjata u cjoe' vicin il-hanut taz-zebgha. Fin-naha l-ohra tat-triq kien hemm kolonni tal-festa li kienu taht il-bankina u dawn ukoll jinsabu ndikati fuq l-i*sketch*. It-triq hija wiesgha 9.2 metres komprizi l-bankini. Kull bankina hija wiesgha 1.2 metres, b'hekk il-karreggjata ghall-karozzi hija wiesgha 6.8 metres.
Fil-*handwritten sketch* esebit a fol 23 tergo tal-process hemm indikat il-kejl li ha l-Warden biex isstabbilixxa l-pozizzjoni tal-vetturi. Il-parti ta' wara tal-karozza GAJ 078 kienet 6.1 metres 'il boghod mill-hajt biex b'hekk, jekk wiehed inehhi l-1.2 metres wisa' tal-bankina jigi li qieghed 4.9 metres 'il barra mix-xifer tal-bankina. Dan huwa l-punt tan-nofs tal-vettura GAJ 078 mentri n-nofs tat-triq tigi 3.4 metres u ghalhekk in-nofs tal-vettura GAJ 078 min-naha ta' wara certament kienet *wrong side*.

Il-Warden zied jghid illi bejn il-karozzi mahbuta u Twanny Ironmongery ma setghetx tghaddi karozza tal-linja imma setghu jghaddu karozzi zghar.

Carmen Agius xehdet illi hija kienet qieghda ssuq il-karozza u maghha kellha baby. Hija tghid li kienet qieghda ssuq fuq in-naha taghha tat-triq u man-naha taghha ma kienx hemm karozzi pparkjati. Ma kien hemm l-ebda traffiku miexi quddiemha. Hija kienet niezla, ghax fil-fatt fejn sehh l-incident it-triq qieghda ghan-nizla, u lemhet karozza gejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naha taghha li kienet qed taqbez karozza pparkjata. Hija zammet il-brake u ppruvat tevita l-kollizjoni billi ddawwar l-isteering bil-kontra, cjoe' tikser fuq il-lemin biex tevitah, izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Id-daqqa haditha fuq in-naha tax-xellug tal-karozza. Hija kkonfermat li l-vettura misjuqa mill-konvenut giet fuq in-naha taghha tat-triq.

Il-konvenut xehed li huwa kien tiela' Triq Anici u, waqt li kien qed jaqbez il-vettura pparkjata, lemah il-karozza misjuqa mill-attrici gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa jghid li waqaf izda l-karozza l-ohra baqghet tiskiddja ghal fuqu.
Waqt ix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal huwa sostna li b'rizultat ta' l-impatt il-karozza tieghu giet imdawwra w anki jghid illi min-naha ta' quddiem il-karozza tieghu daret lejn ix-xellug u min-naha ta' wara daret lejn il-lemin. Huwa jsostni li kien fuq in-naha tieghu tat-triq.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-iskizz u anki r-ritratti kollha li gew esebiti u jidher car partikolarment mir-ritratt li qieghed anness ma' l-i*sketch* fil-pagna indikata 3/6, li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet *wrong side* kwazi ghal kollox. It-Tribunal isibha qajla kredibbli li l-vettura tieghu giet imdawwra bil-mod kif spjega l-konvenut u huwa aktar probabbli li fil-fatt il-vettura tal-konvenut iccaqalqet biss lejn ix-xellug biex giet ftit aktar *on side*.

Huwa evidenti ghat-Tribunal li fil-mument li sehh l-incident, il-karozza misjuqa mill-konvenut kienet *wrong side* u miexja fid-direzzjoni opposta ghall-karozza misjuqa mill-attrici. It-triq li kienet qieghda ssuq fiha l-attrici hija

ghan-nizla u kienet imxarrba. L-attrici giet ipprezentata b'emergenza subitanea u hija hadet il-prekawzjonijiet mistennija minn sewwieq prudenti cjoe', ghafset il-brake u ppruvat tiehu *evasive action* billi tikser fuq il-lemin izda hija skiddjat u xorta sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal jidhirlu li f'dan il-kaz partikolari l-iskid huwa fattur newtrali u li fil-fatt il-kawza prossima ghall-kollizjoni kien il-fatt li l-konvenut kien qed isuq *wrong side* u pprezenta lill-attrici b'emergenza subitanea. Ma giet imressqa l-ebda skuzanti xierqa li tiggustifika l-ghala l-konvenut kellu jinvadi l-karreggjata ta' l-attrici. Il-konvenut jipprova jsostni illi t-triq hija wiesgha bizzejjed biex jghaddu anki tlieta s'erbgha vetturi. Kif jirrizulta mill-kejl moghti mill-Warden il-karreggjata tat-triq hija 6.8 metres u jekk iqis li kull karozza tiehu wisa' ta' cirka zewg metri u li dakinhar kien hemm l-armar tal-festa, dan igib li kemm kemm jghaddu tlett karozzi. Dan huwa anki kkombacjat ma' dak li jidher fir-ritratti li fil-fatt, biex il-konvenut qabez il-karozza pparkjata mar kompletament *wrong side*. Kieku l-karreggjata tieghu kienet tiehu zewg karozzi komodament ma kienx ikollu skop li jmur *wrong side*.

It-Tribunal jidhirlu wkoll illi stante li dakinhar kienet ix-xita u max-xita jkun hemm ftit element taz-zliq, il-konvenut missu qaghad aktar attent qabel ma ntenta l-manuvra ta' surpass ta' karozza pparkjata u johrog *wrong side.* Certament kellu jaccerta li jista' jaghmel dan minghajr l-ebda nkonvenjent ghat-traffiku iehor fit-triq, u meta jespleta tali manuvra, jespletaha bl-anqas inkonvenjent possibbli. Huwa evidenti li l-konvenut m'ghamel xejn minn dan u mhux talli m'ezaminax il-possibilta' jekk jistax jespleta l-manuvra liberament talli huwa jsostni illi nduna bil-vettura ta' l-attrici biss waqt li kien qed jaghmel il-manuvra ta' surpass – cjoe' meta kien *too late*.

Inoltre, jidher car illi flok ghadda vicin il-karozza pparkjata, qata' 'l barra liberament biex b'hekk gie kompletament *wrong side*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal m’ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonkludi illi r-responsabbilta’ tal-kollizjoni hija esklussivament imputabbli ghall-konvenut.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, gie vverbalizzat mill-konvenut li dawn mhux qed jigu kkontestati u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi akkolta.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet u jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija w erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm474.62c) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jghaddu mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------